Verżjoni Elettronika

A.L. 121 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Real Estate Valuations and Investments – P.G. Dip. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Real Estate Valuations and Investments – P.G. Dip. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Postgraduate Diploma in Real Estate Valuations and Investments – P.G. Dip.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Real Estate Valuations and Investments – P.G. Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Real Estate Valuations and Investments – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

Verżjoni Elettronika

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad fil-livell 7 tal-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki Maltin (QNKM) f'dixxiplina relatata mal-ambjent mibni, l-arkitettura, jew l-inġinerija ċivili/ strutturali; jew

(b) warrant ta' Perit maħruġ skont l-Att tal-Periti, Kapitlu 622 tal-Liġijiet ta' Malta; jew

(c) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, bħala ekwivalenti għall-kwalifika msemmija f'paragrafu (a) ta' dan l-ordinament.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq żewġ semestri ta' studju fuq bażi full-time jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi part-time.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jkun magħmul minn taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati total ta' 60 krettu ECTS.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

(3) L-istudenti li jiksbu t-30 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet-studju mgħallma b'marka medja ta' mill-inqas 50% u li ma jkomplux il-Kors, jew jekk komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

(4) L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma kemm-il darba jiksbu s-60 krettu ECTS kif imniżżel fil-programm ta' studju għall-Kors b'medja ta' mill-anqas 50%.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

6. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) Il-Postgraduate Certificate għandu jingħata mingħajr klassifikazzjoni.